VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,520, 8 ta' Jannar, 2016
Taqsima A

MALTA

ATT Nru II tal-2016

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 10.

ACT No. II of 2016

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Code of Police Laws, Cap. 10.

VERŻJONI ELETTRONIKA

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

8 ta' Jannar, 2016

ATT Nru II tal-2016

ATT biex jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 10.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2016 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u għandu jinftiehem u jinqara ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 10.

Emenda tal-artikolu 114 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 114 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu (1) ġdid li ġej:

"(1) Is-sid ta' dar u, jew l-Amministratur ta' *Condominia* għandhom, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn avviż maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali, jimmarkaw fuq kull bieb ta' barra n-numru li jkun imiss lil dak il-bieb, taħt dawk it-termini u l-kondizzjonijiet kif jistgħu jiġu preskritti mill-Uffiċċju Elettorali f'dak l-avviż";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2).

Emenda tal-artikolu 115 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 115 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem "Tibdil tan-numri tal-bibien ta' triq." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Tismija ta' toroq u tibdil tan-numri tal-bibien ta' triq.";

(b) il-kliem "il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju Elettorali";

(ċ) il-kliem "jew li jiġi mogħti isem ġdid lil biċċa minn triq" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew li jiġi mogħti isem ġdid lil xi triq jew parti minnha"; u

(d) il-kliem "jew b'avviż iffirmat mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew b'avviż maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 341 tas-16 ta' Diċembru, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

VERŻJONI ELETTRONIKA

I assent.

(L.S.)

MARIE LOUISE COLEIRO PRECA
President

8th January, 2016

ACT No. II of 2016

AN ACT to amend the Code of Police Laws, Cap. 10.

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title.

1. The short title of this Act is the Code of Police Laws (Amendment) Act, 2016 and this Act shall be read and construed as one with the Code of Police Laws, hereinafter referred to as "the principal Act".

Cap. 10.

Amendment of article 114 of the principal Act.

2. Article 114 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) sub-article (1) thereof shall be substituted by the following new sub-article (1):

"(1) The owner of any house and, or the Administrator of any Condominium shall, within ten working days of a notice issued by the Electoral Office, mark each external door with the number pertaining to such door, under such terms and conditions as may be prescribed by the Electoral Office in such notice.";

(b) sub-article (2) thereof shall be deleted; and

(c) sub-article (3) thereof shall be renumbered as sub-article (2).

VERŻJONI ELETTRONIKA

Amendment of article 115 of the principal Act.

3. Article 115 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in the marginal note thereof for the words "Alteration of number of street doors." there shall be substituted the words "Street naming and alteration of number of street doors.";

(b) for the words "the Minister responsible for public works" there shall be substituted the words "the Minister responsible for the Electoral Office";

(c) for the words "or that a new name be given to a portion of any street" there shall be substituted the words "or that a new name be given to any street or a portion thereof"; and

(d) for the words "or by a notice signed by the Director of Public Works" there shall be substituted the words "or by a notice issued by the Electoral Office".

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 341 of the 16th December, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Clerk of the House of Representatives

VERŻJONI ELETTRONIKA

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.36